**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 10 ta' Jannar, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**-vs-**

**Dorian Grech detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 268297M**

*Kumpilazzjoni Nru. 02/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Dorian Grech** u ċioe` talli:

1. Nhar l-1 ta' Jannar, 2022, ghal ħabta ta' bejn is-22:30 Hrs u is-22:45Hrs ta' filgħaxija, minn ġewwa l-istabbiliment "Sudanese 2", li jinsab sitwat ġewwa Triq it-Tiġrija, Marsa, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Adam Bilal Nur u/jew Abdalrahman Mustafa Abdalla u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u taha bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mil-volontà tiegħu.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-

privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Adam Bilal Nur u lil Abdalrahman Mustafa Abdalla kontra l-volontà tagħhom u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta ħwejjiġhom.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat ghall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-3 ta' Jannar, 2022, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati ghall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ingħata żmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi sa mill-bidu tal-arrest tiegħu, tal-fatt li qed jitlob l-għajnuna w saħansitra qed jirrikonoxxi li hemm bżonn l-inkarċerazzjoni biex matulha jagħmel sforzi akbar biex jikkumbatti l vizzju tad-droga li ma jistax jinħeles minnu minkejja bosta tentattivi. Ittieħdet konsiderazzjoni li l-imputat għalkemm ma għandux xi fedina penali li toħloq tħassib, mhux *a first time offender,* tan-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn il-vittmi li gew ssekwestrati kienu tnejn.

Hemm il-konkors formali bejn it-tieni imputazzjoni kif ukoll is-serq kif ravvizat bl-artikolu 275 tal-Kodiċi Kriminali. Filwaqt li fis-serq kien hemm biss tentattiv, mhux l-istess jista' jingħad ghad-tieni imputazzjoni tenut kont li s-sekwestru tal-persuni ġie kkunsmat. Għalhekk il-piena l-aktar oneruża hi dik ravviżata bl-artikolu 87 peress li ġġorr piena ta' bejn sena u erba' snin priġunerija filwaqt li dik ta' tentattiv tas-serq bi vjolenza hi punibbli b'piena ta' bejn disa' xhur w tlett snin.[1]

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 20, 41(1)(a), 86, 87(1)(e), 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 275, 277, 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah **tmintax (18) il-xahar priġunerija** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv kif ukoll ghall *multa* ta' **€116.47c.**

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ghal żmien tlett snin sabiex immedjatament jingħata l-għajnuna kollha neċessarja biex jegħleb il-vizzju tad-droga, inkluż bi programm residenzjali ġaladarba is-seba' tentattivi l-oħra biex isegwi programmi volontarji fallew totalment.

Kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem ta' xogħol.

[1] L-artikolu 275 moqri flimkien mal-artikoli 277, 280(2) u 41(1)(a) jirraviża piena ta' bejn disa' xhur u tlett snin (jekk mnaqqas bi grad) jew piena ta' seba' xhur sa sentejn (jekk mnaqqas b'żewġ gradi), liema pieni ma għandhomx jingħataw fil-minimu.

Finalment ai termini ta-Artikolu 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi liċenzja taħt dak l-Att għal żmien ħames snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**